DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

tas-16 ta' Ottubru 2013

li taħtar Imħallef tal-Qorti Ġenerali

(2013/508/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikoli 5 u 7 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u wara r-riżenja tas-Sinjura Küllike JÜRIMÄE, għandu jinħatar imħallef għall-Qorti Ġenerali għall-bqija tal-mandat tas-Sinjura Küllike JÜRIMÄE, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2016.

(2) Ġie propost is-Sur Lauri MADISE għall-post li sar vakanti.

(3) Il-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sur Lauri MADISE għall-funzjoni ta' mħallef fil-Qorti Ġenerali.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Lauri MADISE huwa b'dan maħtur imħallef fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mis-6 ta' Ottubru 2013 sal-31 ta' Awwissu 2016.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ottubru 2013.

Il-President

R. KAROBLIS